SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla Estiża)

5 ta' Ottubru 2020 * [i]

"Kompetizzjoni – Akkordji – Proċedura amministrattiva – Deċiżjonijiet li jordnaw spezzjonijiet – Eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 – Dritt għal rimedju effettiv – Obbligu ta' motivazzjoni – Dritt għall-invjolabbiltà tad-dar – Indizji suffiċjentement serji – Proporzjonalità – Rikors għal annullament – Ilmenti relati mal-iżvolġiment ta' spezzjoni – Rifjut li tiġi protetta l-kunfidenzjalità tad-data li taqa' taħt il-ħajja privata – Inammissibbiltà"

Fil-Kawża T-255/17,

Les Mousquetaires, stabbiliti f'Pariġi (Franza),

ITM Entreprises, stabbilita f'Pariġi,

irrappreżentati minn N. Jalabert-Doury, B. Chemama u K. Mebarek, avukati,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn B. Mongin, A. Dawes u I. Rogalski, bħala aġenti, assistiti minn F. Ninane, avukat,

konvenuta,

sostnuta minn

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentat minn S. Boelaert, S. Petrova u O. Segnana, bħala aġenti,

intervenjent,

li għandha bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament, l-ewwel nett, prinċipalment, tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 1361 final tal-21 ta' Frar 2017 li tordna lil Mousquetaires kif ukoll lill-kumpanniji kollha direttament jew indirettament ikkontrollati minnhom jissuġġettaw ruħhom għal spezzjoni konformement mal-Artikolu 20(1) u (4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 (Każ AT.40466 – Tute 1) kif ukoll tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 1360 final tal-21 ta' Frar 2017 li tordna lil Mousquetaires kif ukoll lill-kumpanniji kollha direttament jew indirettament ikkontrollati minnhom jissuġġettaw ruħhom għal spezzjoni konformement mal-Artikolu 20(1) u (4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 (Każ AT.40467 – Tute 2) u, sussidjarjament, tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 1057 final tad-9 ta' Frar 2017 li tordna lil Intermarché kif ukoll lill-kumpanniji kollha direttament jew indirettament ikkontrollati minnha jissuġġettaw ruħhom għal spezzjoni konformement mal-Artikolu 20(1) u (4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 (Każ AT.40466 – Tute 1) kif ukoll tad-Deċiżjoni

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

tal-Kummissjoni C(2017) 1061 final tad-9 ta' Frar 2017 li tordna lil Intermarché kif ukoll lill-kumpanniji kollha direttament jew indirettament ikkontrollati minnha jissuġġettaw ruħhom għal spezzjoni konformement mal-Artikolu 20(1) u (4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 (Każ AT.40467 – Tute 2) u, it-tieni nett, tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni, minn naħa, ikkonfiskat u kkopjat id-data inkluża fl-għodda ta' komunikazzjoni u ta' ħażna li jinkludu data dwar il-ħajja privata tal-utenti ta' dawn l-għodda u, min-naħa l-oħra, ċaħdet it-talba ta' restituzzjoni tal-imsemmija data ppreżentata mir-rikorrenti,

IL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla Estiża),

komposta minn S. Gervasoni (Relatur), President, L. Madise, R. da Silva Passos, K. Kowalik-Bańczyk u C. Mac Eochaidh, Imħallfin,

Reġistratur: M. Marescaux, Amministratur,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura u wara s-seduta tat-30 ta' Jannar 2020,

tagħti l-preżenti

Sentenza [1]

[*omissis*]

III. Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

12 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-28 ta' April 2017, ir-rikorrenti ppreżentaw dan ir-rikors.

13 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-28 ta' Lulju 2017, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea talab li jintervjeni f'din il-kawża insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni. B'deċiżjoni tat-22 ta' Settembru 2017, il-President tad-Disa' Awla tal-Qorti Ġenerali laqa' t-talba għal dan l-intervent. Il-Kunsill ippreżenta n-nota tiegħu u l-partijiet prinċipali ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwarha fit-termini stabbiliti.

14 Fir-rikors, ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tadotta miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura li tordna lill-Kummissjoni tippreċiża l-preżunzjonijiet u tipproduċi l-indizji li hija kellha sabiex tiġġustifika s-suġġett u l-għan tad-deċiżjonijiet tad-9 u tal-21 ta' Frar 2017 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjonijiet ikkontestati");

– tannulla d-deċiżjonijiet tal-21 ta' Frar 2017;

– sussidjarjament, tannulla d-deċiżjonijiet tad-9 ta' Frar 2017;

– tannulla d-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni, minn naħa, ikkonfiskat u kkopjat id-data inkluża fl-għodda ta' komunikazzjoni u ta' ħażna li jinkludu data dwar il-ħajja privata tal-utenti ta' dawn l-għodda u, min-naħa l-oħra, ċaħdet it-talba ta' restituzzjoni tal-imsemmija data ppreżentata mir-rikorrenti;

– tikkundanna lill-Kummissjoni u lill-Kunsill għall-ispejjeż.

1 Qegħdin jiġu riprodotti biss il-punti ta' din is-sentenza li l-Qorti Ġenerali tqis li l-pubblikazzjoni tagħhom hija utli.

15 Fir-replika, ir-rikorrenti ppreċiżaw, fir-rigward tal-kap tat-talbiet tagħhom li jirrigwarda d-deċiżjonijiet tad-9 ta' Frar 2017, li huma kienu qegħdin jitolbu, prinċipalment, li dawn id-deċiżjonijiet jiġu ddikjarati ineżistenti minħabba l-assenza ta' notifika legali tagħhom u, sussidjarjament, li jiġu annullati.

16 Il-Kummissjoni, sostnuta mill-Kunsill, titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

[*omissis*]

IV. Id-dritt

[*omissis*]

A. Fuq l-ammissibbiltà

1. Fuq l-ammissibbiltà tar-raba' kap tat-talbiet

30 Għandu jitqies li dan ir-raba' kap tat-talbiet huwa intiż għall-annullament, minn naħa, tal-allegata deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonfiska u tikkopja data dwar il-ħajja privata ta' ċerti impjegati u diretturi tar-rikorrenti u, min-naħa l-oħra, ta' deċiżjoni ta' ċaħda tat-talba għar-restituzzjoni ta' din id-data mressqa mir-rikorrenti (ara r-raba' inċiż tal-punt 14 iktar 'il fuq).

31 Minn qari tar-rikors u tar-replika, u kif jikkonfermaw is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-Kummissjoni, l-ewwel parti ta' dan il-kap tat-talbiet tista' tiġi interpretata bħala li hija intiża għal rifjut li tiġi protetta l-kunfidenzjalità tad-data privata inkwistjoni.

32 Fir-rigward tal-interess ġuridiku tar-rikorrenti kontra dan ir-rifjut, ikkontestat mill-Kummissjoni, hemm lok li jiġi enfasizzat li, skont l-obbligu ta' kull impriża li tħares il-protezzjoni tal-persuni li hija timpjega kif ukoll tal-ħajja privata tagħhom (ara, b'mod partikolari, fir-rigward tal-obbligu ta' protezzjoni tal-ħajja privata ta' persuni fiżiċi waqt l-ipproċessar ta' data personali, id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355), issostitwita bir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2)), impriża spezzjonata tista' titlob lill-Kummissjoni ma tikkonfiskax, fil-bini tal-impriża, ċerta data li tista' tippreġudika il-ħajja privata tal-impjegati tagħha jew tad-diretturi tagħha jew titlob lill-Kummissjoni tirrestitwixxi din l-informazzjoni. F'tali kuntest, tali talbiet ma humiex esklużivament irriżervati, kif issostni b'mod żbaljat il-Kummissjoni, lill-membri tal-persunal ikkonċernati. Għall-istess raġuni, din l-impriża tista' titqies li għandha interess li tikkontesta quddiem il-qorti tal-Unjoni r-rifjut tal-Kummissjoni għat-talbiet tagħha.

33 Fir-rigward tan-natura ta' att ikkontestat tar-rifjut li tiġi protetta l-kunfidenzjalità tad-data privata inkwistjoni, hemm lok li jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, jikkostitwixxu atti li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors għal annullament fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, il-miżuri li jipproduċu effetti legali vinkolanti ta' natura li jaffettwaw l-interessi tar-rikorrent, billi jbiddlu b'mod serju s-sitwazzjoni ġuridika tiegħu. Bħala prinċipju, il-miżuri intermedji li l-għan tagħhom huwa li tiġi ppreparata deċiżjoni finali ma jikkostitwixxux atti li jistgħu jiġu kkontestati (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-

11 ta' Novembru 1981, IBM vs Il-Kummissjoni, 60/81, EU:C:1981:264, punti 9 u 10, u tal-14 ta' Novembru 2012, Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni, T-135/09, EU:T:2012:596, punti 115 u 116).

34 Fil-kuntest speċifiku tal-ispezzjonijiet tal-Kummissjoni u b'mod ġenerali tal-proċeduri fil-qasam tal-kompetizzjoni, l-istħarriġ ġudizzjarju tal-kundizzjonijiet li fihom tkun saret spezzjoni, jaqa' bħala regola ġenerali taħt rikors għal annullament ippreżentat, skont il-każ, kontra d-deċiżjoni finali adottata mill-Kummissjoni skont din id-dispożizzjoni (ara sentenza tal-14 ta' Novembru 2012, Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni, T-135/09, EU:T:2012:596, punt 132 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 Madankollu, mill-ġurisprudenza jirriżulta wkoll li l-atti adottati matul il-proċedura preparatorja li jikkostitwixxu fihom infushom it-tmiem finali ta' proċedura speċjali distinta minn dik li għandha tippermetti lill-Kummissjoni tiddeċiedi fuq il-mertu u li jipproduċu effetti legali vinkolanti ta' natura li jaffettwaw l-interessi tar-rikorrent billi jbiddlu b'mod sinjifikattiv is-sitwazzjoni legali tiegħu jikkostitwixxu wkoll atti li jistgħu jiġu kkontestati (sentenzi tal-11 ta' Novembru 1981, IBM vs Il-Kummissjoni, 60/81, EU:C:1981:264, punti 10 u 11, u tal-14 ta' Novembru 2012, Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni, T-135/09, EU:T:2012:596, punt 116).

36 B'hekk ġie deċiż, fil-kuntest ta' proċeduri fil-qasam tal-kompetizzjoni, li deċiżjoni tal-Kummissjoni li kienet tiċħad talba għal protezzjoni ta' dokument partikolari minħabba l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni bejn avukati u klijenti kienet ittemm proċedura speċjali distinta minn dik li kellha tippermetti lill-Kummissjoni tiddeċiedi dwar l-eżistenza ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni u kienet tikkostitwixxi, għalhekk, att li jista' jkun is-suġġett ta' rikors għal annullament (ara sentenza tas-17 ta' Settembru 2007, Akzo Nobel Chemicals u Akcros Chemicals vs Il-Kummissjoni, T-125/03 u T-253/03, EU:T:2007:287, punti 46, 48 u 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 Bl-istess mod, għalkemm il-qorti tal-Unjoni sal-lum għadha ma ddikjaratx tali rikors ammissibbli, jista' jitqies li l-Qorti Ġenerali aċċettat il-possibbiltà li rikors jiġi ppreżentat taħt l-istess kundizzjonijiet mill-impriża spezzjonata kontra deċiżjoni li tiċħad it-talba għal protezzjoni tal-membri tal-persunal tagħha abbażi tal-ħajja privata tagħhom. Fil-fatt, wara li fakkret is-sentenza tas-17 ta' Settembru 2007, Akzo Nobel Chemicals u Akcros Chemicals vs Il-Kummissjoni (T-125/03 u T-253/03, EU:T:2007:287), u l-ġurisprudenza ċċitata fiha, il-Qorti Ġenerali, filwaqt li semmiet il-possibbiltà ta' "deċiżjoni li tirrifjuta […] il-benefiċċju [tal]-protezzjoni [abbażi tal-ħajja privata]", ikkonstatat li tali deċiżjoni ma kinitx ġiet adottata f'dan il-każ. Hija bbażat ruħha sabiex tagħmel dan fuq il-fatt li r-rikorrenti la kienu sostnew waqt l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-ikkopjar tad-data inkwistjoni li dokumenti li jappartjenu lilhom kienu jibbenefikaw minn protezzjoni simili għal dik mogħtija lill-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet bejn avukati u klijenti, u lanqas kienu identifikaw id-dokumenti preċiżi jew il-partijiet tad-dokumenti inkwistjoni (sentenza tal-14 ta' Novembru 2012, Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni, T-135/09, EU:T:2012:596, punti 129 u 130).

38 Ir-rikorrenti jsostnu preċiżament f'dan il-każ li r-rifjut imsemmi fl-ewwel parti tar-raba' kap tat-talbiet tar-rikors tagħhom jista' jiġi assimilat ma' dak li tqis bħala li jifforma att li jista' jiġi kkontestat minn din il-ġurisprudenza.

39 Ċertament jista' jitqies li, meta impriża tinvoka d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tal-impjegati tagħha jew tad-diretturi tagħha sabiex topponi l-konfiska tal-materjal informatiku jew tal-għodda ta' komunikazzjoni u l-ikkopjar tad-data inkluża fihom fil-kuntest tal-iżvolġiment ta' spezzjoni, id-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni tiċħad din it-talba tipproduċi effetti legali fir-rigward ta' din l-impriża, billi tbiddel b'mod sinjifikattiv is-sitwazzjoni legali tagħha (ara l-punt 37 iktar 'il fuq). Fil-fatt, din id-deċiżjoni taffettwa l-kundizzjonijiet li fihom hija tiżgura l-protezzjoni tal-persuni li timpjega u tal-ħajja privata tagħhom. Barra minn hekk, tali deċiżjoni ċċaħħadha mill-benefiċċju tal-limitazzjoni tal-ispezzjoni għal "dokumenti professjonali" li hija meħtieġa kemm

mill-Artikolu 20(2)(b) tar-Regolament Nru 1/2003 kif ukoll mill-ġurisprudenza (ara s-sentenza tas-6 ta' Settembru 2013, Deutsche Bahn *et* vs Il-Kummissjoni, T-289/11, T-290/11 u T-521/11, EU:T:2013:404, punt 80 u l-ġurisprudenza ċċitata).

40 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, fil-punti 51 u 52 tas-sentenza tas-17 ta' Settembru 2007, Akzo Nobel Chemicals u Akcros Chemicals vs Il-Kummissjoni (T-125/03 u T-253/03, EU:T:2007:287), il-Qorti Ġenerali, fil-każ fejn il-Kummissjoni, qabel it-twettiq ta' ċerti atti ta' kkopjar ta' dokumenti, tkun ġiet adita b'talba għal protezzjoni abbażi ta' dritt previst mid-dritt tal-Unjoni, qieset li deċiżjoni taċita ta' ċaħda kienet ikkonkretizzat ruħha fl-att materjali ta' kkopjar u ta' tgħaqqid mal-fajl tad-dokumenti kkopjati.

41 Madankollu, f'dan il-każ, ir-rikorrenti ma sostnewx, qabel l-adozzjoni tal-atti inkwistjoni, li l-materjal ikkonfiskat u d-data kkopjata mill-Kummissjoni kellhom jibbenefikaw minn protezzjoni abbażi tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tal-impjegati tagħhom jew tad-diretturi tagħhom. Fil-fatt, kien wara l-ikkopjar tal-imsemmija data u r-restituzzjoni tal-materjal li seta' jkun fih tali data, jiġifieri fl-24 ta' Frar, u sussegwentement fit-13 ta' April 2017, li r-rikorrenti invokaw il-protezzjoni tad-data inkwistjoni abbażi tar-rispett tal-ħajja privata tal-impjegati tagħhom jew tad-diretturi tagħhom.

42 F'dan ir-rigward, jista' jiġi rrilevat li ma jippreġudikax id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva l-fatt li l-impriża kkonċernata minn deċiżjoni ta' spezzjoni tkun meħtieġa tieħu ċerti passi sabiex tippreżerva d-drittijiet tagħha u l-aċċess tagħha għar-rimedji ġudizzjarji li jippermettu li tiġi żgurata l-osservanza tagħhom, b'mod partikolari l-approċċ li jikkonsisti fit-tressiq ta' talbiet għal protezzjoni quddiem il-Kummissjoni (ara l-punti 36, 37 u 40 iktar 'il fuq). Dan japplika *a fortiori* peress li din tal-aħħar hija marbuta tagħti terminu qasir lill-impriża sabiex tikkonsulta mal-avukati tagħha qabel ma twettaq l-ikkopjar sabiex, skont il-każ, tressaq tali talbiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Settembru 2013, Deutsche Bahn *et* vs Il-Kummissjoni, T-289/11, T-290/11 u T-521/11, EU:T:2013:404, punt 89).

43 Minn dan isegwi, fil-kawża ineżami, li l-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni, meta hija kkonfiskat il-materjal inkwistjoni u sussegwentement ikkopjat id-data inkluża fih, li tadotta deċiżjoni li permezz tagħha hija kienet tiċħad tali talba għal protezzjoni mressqa mir-rikorrenti.

44 Għaldaqstant, din il-kawża hija differenti mill-kawża li tat lok għas-sentenza tas-17 ta' Settembru 2007, Akzo Nobel Chemicals u Akcros Chemicals vs Il-Kummissjoni (T-125/03 u T-253/03, EU:T:2007:287). Fil-fatt, fin-nuqqas ta' talba għal protezzjoni minn qabel imressqa mir-rikorrenti, il-konfiska tal-materjal inkwistjoni u l-ikkopjar tad-data inkluża f'dan il-materjal ma setgħux jagħtu lok għall-adozzjoni ta' deċiżjoni li tista' tiġi kkontestata u li permezz tagħha l-Kummissjoni kienet tiċħad, anki impliċitament, tali talba għal protezzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Novembru 2012, Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni, T-135/09, EU:T:2012:596, punti 120 sa 125).

45 Konsegwentement, ir-rikorrenti ma jistgħux jallegaw, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, li, fid-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors, il-Kummissjoni kienet adottat espliċitament jew impliċitament, fil-kuntest tal-iżvolġiment tal-ispezzjoni, att li jipproduċi effetti legali ta' natura li jaffettwaw l-interessi tagħhom, billi jbiddlu b'mod sinjifikattiv is-sitwazzjoni legali tagħhom.

46 Jista' jingħad ukoll li l-istess japplika jekk l-ewwel parti tar-raba' kap tat-talbiet kellha tiġi interpretata bħala li tirreferi għal sempliċi deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonfiska u li tikkopja data li taqa' taħt il-ħajja privata ta' ċerti impjegati u diretturi tar-rikorrenti. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punt 44 iktar 'il fuq, fin-nuqqas ta' talba għal protezzjoni minn qabel magħmula mir-rikorrenti, l-atti materjali ta' konfiska u ta' kkopjar imwettqa f'dan il-każ matul l-ispezzjoni inkwistjoni ma setgħux, bħala tali, jagħtu lok għal atti li jistgħu jiġu kkontestati.

47 Fir-rigward tat-tieni parti tar-raba' kap tat-talbiet, intiża kontra l-allegata ċaħda tat-talba għar-restituzzjoni tad-data privata inkwistjoni, hemm lok li jiġi rrilevat li din it-talba ta' restituzzjoni, kemm jekk bid-data tal-24 ta' Frar 2017, kif jirrilevaw ir-rikorrenti fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom, kif ukoll jekk bid-data tat-13 ta' April 2017, kif issemma waqt is-seduta, ma ġietx ifformolata b'mod suffiċjentement preċiż li jippermetti lill-Kummissjoni tieħu pożizzjoni utli fir-rigward tagħha, b'mod li r-rikorrenti ma kinux irċevew, fid-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors, li fid-dawl tagħha għandha tiġi evalwata l-ammissibbiltà tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' Diċembru 2014, Castelnou Energía vs Il-Kummissjoni, T-57/11, EU:T:2014:1021, punt 34, u tat-22 ta' Ġunju 2016, Whirlpool Europe vs Il-Kummissjoni, T-118/13, EU:T:2016:365, punt 49), ir-risposta tal-Kummissjoni li tista' tikkostitwixxi att li jista' jiġi kkontestat. Fil-fatt, ir-rikorrenti llimitaw ruħhom li jsemmu "diversi dokumenti li jippreġudikaw il-ħajja privata tal-awturi tagħhom" billi evokaw b'mod ġenerali li kien hemm inkwistjoni "messaġġi, skambji personali, elenki ta' indirizzi, telefonati, eċċ." u rrikonoxxew, fit-talba tagħhom tat-13 ta' April 2017, li huma kienu "attwalment [qegħdin] janalizzaw id-diversi dokumenti kkopjati mill-uffiċjali tal-Kummissjoni" sabiex jiddeterminaw dawk li kienu kkonċernati minn dan il-ksur.

48 Għaldaqstant, ir-raba' kap tat-talbiet għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli fir-rigward taż-żewġ partijiet tiegħu.

[*omissis*]

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

1) L-Artikolu 1(b) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 1057 final tad-9 ta' Frar 2017 li tordna lil Intermarché kif ukoll lill-kumpanniji kollha direttament jew indirettament ikkontrollati minnha jissuġġettaw ruħhom għal spezzjoni konformement mal-Artikolu 20(1) u (4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 (Każ AT.40466 – Tute 1), kif ukoll l-Artikolu 1(b) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 1361 final tal-21 ta' Frar 2017 li tordna lil Mousquetaires kif ukoll lill-kumpanniji kollha direttament jew indirettament ikkontrollati minnhom jissuġġettaw ruħhom għal spezzjoni konformement mal-Artikolu 20(1) u (4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 (Każ AT.40466 – Tute 1), huma annullati.

2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

3) Les Mousquetaires u ITM Entreprises, il-Kummissjoni Ewropea kif ukoll il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

Gervasoni Madiseda da Silva Passos

Kowalik-Bańczyk Mac Eochaidh

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fil-5 ta' Ottubru 2020.

Firem

i — Fil-kliem prinċipali saret modifika ta' natura lingwistika, wara li kien tqiegħed online għall-ewwel darba.